

Brussell, 19 ta' Mejju 2015
(OR. en)

8970/15

RECH 141
TELECOM 119
COMPET 228
IND 80

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8583/15 RECH 105 TELECOM 106 COMPET 182 IND 70	
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar riċerka miftuħa, intensiva fid-data u organizzata f'network, bħala mutur għal innovazzjoni aktar veloċi u mifruxa <i>- Adozzjoni</i>

1. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2013 iffokaw fuq l-ekonomija diġitali, l-innovazzjoni u s-servizzi bħala muturi tat-tkabbir u l-impjiegi. Talbu għal azzjoni mill-UE biex tipprovdi l-kondizzjonijiet ta' qafas it-tajba għal suq uniku tal-big data u għall-cloud computing. F'Lulju 2014, il-Kummissjoni ħarġet il-Komunikazzjoni tagħha "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data", li, minbarra l-aspetti industrijali, tiffoka ħafna fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Fis-6 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni ħarġet il-komunikazzjoni "Strateġija għas-suq uniku diġitali għall-Ewropa" li tenfasizza, fost oħrajn, il-ħtieġa għal investiment f'infrastrutturi u teknoloġiji tal-ICT bħall-cloud computing u l-big data, u r-riċerka u l-innovazzjoni bil-għan li jinkiseb il-potenzjal massimu ta' tkabbir tal-ekonomija diġitali Ewropea.

2. Wara d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività ta' Marzu 2015 dwar "il-liberazzjoni tal-potenzjal diġitali tal-Ewropa permezz ta' riċerka miftuħa, kollegata b'networks u intensiva fid-data", il-Presidenza pproponiet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, li ġew diskussi mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fil-laqgħat tiegħu tas-16 ta' Frar, is-16 u l-20 ta' April u l-4 ta' Mejju 2015.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-kwistjonijiet miftuħa pendenti fil-laqgħa tiegħu fit-13 ta' Mejju 2015 u wasal għal qbil fil-prinċipju dwar it-test. UK daħħlet riżerva ta' skrutinju ġenerali dwar it-test finali, wara l-elezzjonijiet nazzjonali reċenti.
4. Il-Kunsill ("Kompetittività"), fis-sessjoni tiegħu tad-29 ta' Mejju 2015, huwa għalhekk mitlub jadotta l-konklużjonijiet bil-bidliet indikati b' **tipa grassa sottolinjata** u bi [...] li jirriżultaw mil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.

Il-bidliet għad-dokument 8583/15 huma indikati b' **tipa grassa ssottolinjata** għaż-żidiet u bi [...] għat-tħassir.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR 'RIĊERKA MIFTUĦA,
INTENSIVA FID-DATA U ORGANIZZATA F'NETWORK, BĦALA MUTUR GĦAL
INNOVAZZJONI AKTAR VELOĊI U MIFRUXA'**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

WAQT LI JFAKKAR

- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-31 ta' Mejju 2010 dwar “Aġenda Diġitali għall-Ewropa”¹, li jirrikonoxxu li l-Ewropa għandha tqiegħed ir-riżorsi meħtieġa fl-iżvilupp ta' Suq Uniku Diġitali biex iżżid il-produttività, tiġġenera t-tkabbir ekonomiku, tattira l-investimenti, toħloq l-impjiegi u ssaħħa l-influwenza tagħha fuq livell globali;
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2010 dwar “Arrikkiment reċiproku bejn l-inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020 Aġenda Diġitali għall-Ewropa u Unjoni tal-Innovazzjoni”², li jagħrfu l-kontribut tat-teknoloġiji diġitali bħala wieħed mill-muturi ewlenin li jtejbju l-produttività, il-kapaċità ta' tkabbir u l-ħila fl-innovazzjoni tal-Ewropa fis-setturi kollha;
- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012³ dwar “Sħubija Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u għat-Tkabbir” li jenfasizzaw ir-rilevanza tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn aċċess aħjar għall-informazzjoni xjentifika: Tingħata spinta lill-benefiċċji tal-investimenti pubbliċi fir-riċerka"⁴ għall-kisba taż-Żona Ewropea tar-Riċerka;

¹ Dok. 10130/10

² Dok. 16834/10

³ Dok. 17649/12

⁴ Dok. 12847/12

- Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Mejju 2013 dwar "L-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja: post l-Ewropa f'Tellieqa Globali"⁵, li jissottolinjaw l-għan ġenerali li l-Ewropa tkun fuq quddiem fl-iżvilupp u l-użu ta' sistemi, software, applikazzjonijiet u servizzi tal-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja sal-2020;
 - Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Ottubru 2013⁶ li jenfasizzaw l-importanza tal-ekonomija diġitali, l-innovazzjoni u s-servizzi bħala muturi tat-tkabbir u l-impjiegi u jitolbu azzjoni fuq il-livell tal-UE li tipprovdi l-kondizzjonijiet ta' qafas it-tajba għal suq uniku għall-big data u l-cloud computing;
1. ITENNI l-Konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Marzu 2015 dwar il-"Politika tas-Suq Uniku"⁷ li jenfasizzaw "li sfruttament sħiħ u effiċjenti ta' għodod u servizzi bħall-Cloud Computing, Big Data, Awtomatizzazzjoni, Internet tal-Oġġetti u Data Miftuħa jistgħu jixprunaw produttività u servizzi aħjar, u għaldaqstant għandhom jiġu faċilitati, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet immexxija mis-suq, ir-R&Ż u l-promozzjoni tal-ħiliet meħtieġa u l-bini tal-kapaċità, flimkien ma' standardizzazzjoni u interoperabbiltà ulterjuri fl-ICT"; F'dan il-kuntest, JENFASIZZA li riċerka miftuħa, imħaddma bid-data u organizzata f'network tista' timmassimizza l-potenzjal diġitali tal-Ewropa billi trawwem innovazzjoni aktar veloċi u aktar mifruxa **waqt li jittieħed kont** [...] tal-interessi leġittimi tal-partijiet konċernati;
 2. JIEĦU NOTA tal-progress li diġà sar lejn Ewropa verament diġitali, u tad-diskussjonijiet inizjali dwar l-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali f'diversi konfigurazzjonijiet tal-Kunsill;

⁵ Dok. 10322/13

⁶ Dok. EUCO 169/13

⁷ Dok. 6197/15

3. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data"⁸ tat-2 ta' Lulju li tiddeskrivi l-karatteristiċi tal-ekonomija mmexxija mid-data u tidentifika l-oqsma prinċipali fejn tinħtieġ azzjoni biex tappoġġa u tħaffef it-tranżizzjoni għaliha, bħala kontribut importanti lejn l-iżvilupp li qed iseħħ fis-Suq Uniku Diġitali; u JISTENNA B'INTERESS l-adozzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, sa tmiem l-2015, tal-pjan ta' azzjoni dettaljat tagħha biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea mmexxija mid-data;
4. JIRROKONOXXI l-potenzjal qawwi tal-ekonomija mmexxija mid-data u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-katina tal-valur kollha tad-data fl-Ewropa; JAFFERMA MILL-ĠDID l-appoġġ politiku ġenerali tal-Istati Membri biex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet qafas aħjar għal inovazzjoni aktar rapida u usa' u bbażata fuq id-data b'kont meħud tal-perspettiva ta' riċerka; JIRRIKONOXXI l-importanza ta' data bħala karburant għall-intraprenditorija, għat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda, ideat u l-intrapriżi ġodda (start-ups) innovattivi;
- 4a. JIRRIKONOXXI l-potenzjal tax-xjenza miftuħa u JILQA' ż-żieda fl-appoġġ għal aċċess miftuħ għal pubblikazzjonijiet tar-riċerka u d-data sottostanti b'finanzjament pubbliku; JIKKUNSIDRA li l-aċċessibbiltà tad-data tar-riċerka tista' tkompli żżid l-użu effiċjenti tal-finanzjament pubbliku. F'dan il-kuntest, JIRRIKONOXXI il-ħtieġa ta' riflessjoni dwar il-metrika attwali tax-xjenza, kif ukoll dwar inċentivi biex ir-riċerkaturi jippubblikaw artikli u data permezz tal-aċċess miftuħ. Fl-istess ħin, JENFASIZZA l-ħtieġa ta' kondiviżjoni, użu, użu mill-ġdid u interoperabbiltà adegwati tad-data, ibbażati fuq standards komuni, kif ukoll l-importanza ta' bilanċ tajjeb bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni mmexxija mid-data u l-protezzjoni tal-privatezza; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa tal-iżvilupp tal-ħiliet fid-data għad-dinja akkademika, ir-riċerkaturi u l-komunità iġenerali u JENFASIZZA l-importanza tal-iżvilupp ta' infrastrutturi elettroniki u networks ta' ċentri ta' eċċellenza;

⁸ Dok. 11603/14

Bini tal-komunità u trasferiment tal-għarfien għal ekonomija prospera mmexxija mid-data

5. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-iżvilupp ta' komunitajiet ta' data fl-UE kollha magħmula minn riċerkaturi, organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka, organizzazzjonijiet li jagħmlu riċerka, kumpaniji, SMEs, is-settur pubbliku u partijiet konċernati rilevanti oħra u JINNOTA l-ħtieġa li l-kooperazzjoni tagħhom titrawwem tul il-katina tal-valur tad-data sabiex tiffurma l-bażi ta' ekosistema b'saħħitha u vibranti mmexxija mid-data; JIEĦU NOTA tas-Sħubija Pubblika-Privata Ewropea kuntrattwali l-għdida dwar il-Valur tal-Big Data, immedija f'Ottubru 2014 b'dan l-oġettiv; u JIEĦU NOTA tal-inizjattivi maħsuba għall-kondiviżjoni u r-regolamentazzjoni ta' servizzi diġitali avvanzati, strumenti xjentifiċi, data, għarfien u kompetenza esperta li jippermettu lir-riċerkaturi jikkollaboraw b'mod aktar effettiv, bħal pereżempju l-"Open Science Commons";
6. JILQA' l-azzjonijiet li jappoġġaw lir-riċerkaturi u l-industrija, inklużi l-SMEs, fi ħdan il-qafas ta' Orizzont 2020, JIEĦU NOTA ta' inizjattivi bħal pereżempju dimostraturi fuq skala kbira f'setturi speċifiċi u ambjenti ta' inkubatur u aċċelleratur fejn ir-risultati tar-riċerka fuq teknoloġiji ġodda malajr jistgħu jiġu ttestjati u ppilotati, kif ukoll l-inkubatur tad-data miftuħa għall-SMEs. Tali azzjonijiet ser ikollhom l-għan li jistabbilixxu ktajjen ta' provvista bbażati fuq id-data, jippromwovu l-aċċess miftuħ, u jippromwovu networks ta' inkubaturi tad-data fl-Ewropa kollha;
- 6a. JIRRIKONOXXI l-importanza tas-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastruttura tal-bażijiet tad-data u d-disponibbiltà ta' servizzi siguri, affidabbli u ta' kwalità għolja bbażati fuq il-"cloud", u JISSOTTOLINJA l-importanza tal-kapaċità tal-ħżin u l-ipproċessar fl-Ewropa tad-data tar-riċerka prodotta fl-Istati Membri; f'dan il-kuntest JILQA' l-iżvilupp ulterjuri ta' "European Open Science Cloud" li ser tippermetti l-kondiviżjoni u l-użu mill-għdid tad-data tar-riċerka bejn id-dixxiplini u l-fruntieri, waqt li jitqiesu l-aspetti rilevanti legali, tas-sigurtà u tal-privatezza;

7. ITENNI l-ħtieġa li tiżdied il-bażi ta' ħliet diġitali multidixxiplinari. B'mod partikolari, JENFASIZZA l-ħtieġa għal tipi ġodda ta' professjonisti u riċerkaturi tad-data li jgħaqqdu l-għarfien fl-oqsma tagħhom mal-big data u l-ħliet diġitali; JINNOTA l-importanza ta' ħliet ġodda meħtieġa għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji, sistemi, pjattaformi, u servizzi ġodda għall-analitika tad-data. F'dan ir-rigward, JILQA' l-azzjonijiet supplementari li jikkontribwixxu lejn il-bini tal-kapaċità, u JIEĦU NOTA ta' inizjattivi bħalma hi l-Akkademja Ewropea tax-Xjenza tad-Data bbażata fuq netwerk ta' ċentri ta' kompetenza għall-analitika tal-big data;

L-iżvilupp tal-kondizzjonijiet ta' qafas

8. JISSOTTOLINJA ż-żieda esponenzjali tad-data, inkluża d-data tar-riċerka, u JENFASIZZA li jekk id-data tkun tista' tiġi skoperta, issir aċċessibbli, valutabbli, tista' terġa' tintuża u ssir interoperabbli, dan iżid konsiderevolment il-potenzjal tal-innovazzjoni u joħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju; JENFASIZZA l-importanza ta' standards, liċenzji u formati miftuħa u soluzzjonijiet b'open source software sabiex id-data tar-riċerka tista' terġa' tintuża u l-proċessi xjentifiċi jibqgħu riproduċibbli. F'dan il-kuntest, JINNOTA l-ħtieġa għal promozzjoni tal-innovazzjoni mmexxija mill-estrazzjoni tat-testi u tad-data waqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tar-riċerka, u jikkunsidra l-impatt, inklużi l-aspetti finanzjarji, tal-użu mill-ġdid tal-kontenut li jkun aċċessibbli diġà legalment, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa taċ-ċertezza legali u ta' qafas regolatorju adatt li jiffaċilita ambjent favorevoli għax-xjenza u l-innovazzjoni għal użu aħjar tad-data;

- 8a JRRIKONOXXI l-importanza globali tal-iskambju tad-data tar-riċerka u l-interoperabbiltà tad-data bejn id-dixxiplini u l-konfini nazzjonali bħala mezz biex titwessa' l-portata xjentifika tas-settijiet tad-data individwali. F'dan ir-rigward, JISTIENEN lill-UE biex, fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, tippromwovi l-ftuħ tal-aċċess għad-data tar-riċerka fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku; JINNOTA l-importanza ta' sforzi volontarji miftuħa mmexxija mill-komunità għal koordinament u kooperazzjoni dwar infrastrutturi tad-data bħar-Research Data Alliance;
9. JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp ta' ambjent ta' politika favur id-data fl-UE u fl-Istati Membri li jippromwovi l-interoperabbiltà, l-użu u l-użu mill-ġdid ta' data tal-gvern għal skopijiet ta' riċerka u innovazzjoni filwaqt li jiżgura l-protezzjoni meħtieġa tad-data, eż. permezz ta' anonimizzazzjoni, psewdonimizzazzjoni jew tekniki oħra;
- 9a. JENFASIZZA li l-isfruttament tal-potenzjal tal-multilingwiżmu jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal ekonomija prospera mmexxija mid-data; JENFASIZZA l-ħtieġa għal aktar żvilupp ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali diġitali tal-lingwa u servizzi bbażati fuq riċerka u innovazzjoni Ewropej eċċellenti, li b'hekk jiffaċilitaw lill-kumpaniji biex joħlqu soluzzjonijiet li jkopru firxa ta' ħtiġijiet tas-suq għall-komunitajiet lingwistiċi kollha tal-UE;
10. JITLOB li tittieħed azzjoni biex jitneħħew l-ostakli għal aċċess mifruq għal pubblikazzjonijiet ta' riċerka b'finanzjament pubbliku u d-data sottostanti; JITLOB li jittieħdu azzjonijiet li jindirizzaw it-titjib fil-ġestjoni tad-data u, f'dan il-kuntest, JILQA' l-Proġett Pilota dwar Data tar-Riċerka Miftuħa fil-qafas tal-Orizzont 2020; Fil-kuntest tal-implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), JISTENNA B'INTERESS l-iżvilupp possibbli ta' pjani ta' azzjoni jew strateġiji għax-xjenza miftuħa;

11. JISSOTTOLINJA l-fatt li l-infrastruttura elettronika hija wieħed mill-elementi ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni ffokati fuq id-data jew li jibbenefikaw minnha, peress li dawn joffru servizzi għall-preservazzjoni u l-użu mill-ġdid tad-data, kif ukoll possibilitajiet għal analiżi tad-data; JINNOTA l-hteġa li tkun sfruttata aħjar l-Infrastruttura ta' Awtentikazzjoni u Awtorizzazzjoni (AAI) eżistenti biex jitrawwem l-aċċess miftuħ għall-infrastrutturi elettroniċi; JILQA' l-fatt li Orizzont 2020 jindirizza l-ambjenti tar-riċerka virtwali u l-infrastrutturi elettroniċi għall-analitika u s-servizzi tad-data;
12. JENFASIZZA l-importanza tal-PRACE⁹, infrastruttura Ewropea ta' klassi mondjali ta' Informatika ta' Prestazzjoni Għolja (HPC) għar-riċerka li tipprovdi aċċess għal riżorsi u servizzi tal-informatika għal applikazzjonijiet xjentifiċi u tal-inġinerija fuq skala kbira; JIRRIKONOXXI l-hteġa li tiġi żviluppata l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' teknoloġiji tal-HPC u JITLOB għat-tisħiħ tan-network interkonness ta' faċilitajiet għall-ipproċessar tad-data GEANT¹⁰. F'dan ir-rigward, JISTIENEN lill-ESFRI biex jespjora mekkaniżmi għal koordinament aħjar tal-istrateġiji għall-investiment tal-Istati Membri f'infrastrutturi elettroniċi, li jkopri wkoll l-HPC, l-informatika distribwita, data xjentifika u networks;
13. JISSOTTOLINJA l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-"Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali", u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-industrija biex jirrikonoxxu l-hteġa li jiżied l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), u jstimulaw l-effett ta' lieva tal-investiment għal perijodu qasir u wkoll għal perijodu fit-tul;

⁹ Partnership for Advanced Computing in Europe (Sħubija għall-Informatika Avanzata fl-Ewropa).

¹⁰ Network tad-data pan-Ewropew għall-komunità tar-riċerka u l-edukazzjoni.

14. JITLOB li ssir identifikazzjoni aħjar tal-prijoritajiet settorjali għar-riċerka u l-innovazzjoni bl-akbar potenzjal għal benefiċċji soċjali u ekonomiċi fl-ekonomija tad-data. Fl-istess ħin, JENFASIZZA l-ħtieġa għal skemi ta' appoġġ imfassla apposta fuq livell nazzjonali u reġjonali sabiex jiġi żgurat l-ikbar impatt tal-investimenti fl-ICT permezz ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;
- 14a. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Istati Membri, pereżempju permezz tal-Faċilità ta' Appoġġ tal-Politika (PSF), fl-identifikazzjoni, l-analiżi u l-isfruttament ta' opportunitajiet offruti minn ekonomija mmexxija mid-data fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta', fost oħrajn, l-organizzazzjoni ta' seminars u workshops ta' tagħlim reċiproku;
15. JITLOB li jkun hemm sinerġiji bejn l-istrateġiji nazzjonali u Ewropej dwar id-data biex jiżguraw rwol ta' gwida teknoloġika Ewropea fl-ekonomija mmexxija mid-data li jindirizzaw id-dimensjonijiet kollha tal-katina tal-valur tad-data.
-